

31984R1262

12.5.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 126/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1262/84  
ta' l-10 ta' April 1984**

**li jikkonċerna l-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali fuq l-Armonizzazzjoni ta' Kontrolli tal-Merkanzija fuq il-Fruntieri**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi l-Konvenzjoni Internazzjonali fuq l-Armonizzazzjoni ta' Kontrolli tal-Merkanzija fuq il-Fruntieri, konkluda f'Ġinevra fil-21 ta' Ottubru 1982, tintroduċi disposizzjonijiet maħsuba biex jiffa-ċilitaw il-moviment internazzjonali ta' merkanzija, biex tikkontribwixxi għat-tneħħija kontinwa ta' ostakli għall-kummerċ u biex tippromwovi l-iżvilupp ta' kummerċ dinji, b'hekk tilħaq għanijiet konsistenti ma' dawk tal-politika kummerċjali tal-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi l-Konvenzjoni, minn naħa waħda tippermetti l-Komunità fost l-oħrajn biex tapplika l-leġislazzjoni proprja tagħha fuq kontrolli li jsiru fuq il-fruntieri interni u, mill-banda l-oħra, f'dak li jirri-gwardja kontestazzjonijiet fil-kompetenzi tagħha, li teserċita f'isimha d-drittijiet u li taderixxi r-responsabbiltajiet li l-Konvenzjoni msemmija tagħti lill-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti hekk imsemmi;

Billi l-Konvenzjoni Internazzjonali fuq l-Armonizzazzjoni ta' Kontrolli tal-Merkanzija fuq il-Fruntieri għandha għalhekk tiġi approvata fisem il-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni Internazzjonali fuq l-Armonizzazzjoni ta' Kontrolli tal-Merkanzija fuq il-Fruntieri hawnhekk qed tiġi approvata fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

Il-Komunità għandha tapplika l-Konvenzjoni għall-kontrolli li jsiru fuq il-fruntieri esterni tagħha skond l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni.

It-test tal-Konvenzjoni huwa anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jiddepożita, fisem il-Komunità, l-istrument ta' ratifikazzjoni skond l-Artikolu 16(3)(a) tal-Konvenzjoni <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 46, ta' l-20.2.1984, pġ. 113.

<sup>(2)</sup> ĠU C 35, tad-9.2.1984, pġ. 3.

<sup>(3)</sup> Id-data ta' meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għandha tiġi ippubli-kata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat tal-Kunsill Ġenerali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' April 1984.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. CHEYSSON

---